Sena 50 Nru. 331 - Settembru 2017

Leħen il-Fgura

Maħruġ mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali



# IL-VITORJA TFAKKARNA...

Nhar il-Ġimgħa 8 ta' Settembru, Malta tiċċelebra l-festa tat-twelid ta' Ommna Marija Santissima, jew inkella l-festa tal-Vitorja.

Il-festa ta' Marija Bambina ħadet l-isem tal-Vitorja għaliex tfakkarna f'żewġ rebħiet kbar li għamlu l-Maltin ta' qabilna. L-ewwel waħda dik tal-Assedju kontra t-Torok u t-tieni waħda fit-Tieni Gwerra Dinjija. Mal-Misilmin jew Torok il-Maltin iġġieldu għal pajjiżhom u għall-fidi nisranija. Il-Maltin issieltu ma' kull min heddilhom il-libertà u l-valuri nsara.

Illum m'għandniex biża' ta' għedewwa li jattakkaw il-gżejjer tagħna, pero' xorta għandna l-għedewwa li qegħdin jheddu l-libertà u l-valuri nsara. Għandna per eżempju d-droga, għadu modern u qerriedi. Tneħħilek mhux biss il-libertà u l-valur reliġjuż tal-ħajja bħala qaddisa, iżda teqred lill-istess bniedem.

Valur kbir li Malta hi magħrufa għalih b'ammirazzjoni anke tal-barranin hu l-familja b'saħħitha. Għalkemm nistgħu ngħidu li l-maġġoranza tal-familji Maltin għadhom b'saħħithom, pero' nistgħu ngħidu wkoll li għandna familji, anke fil-parroċċa tagħna li qegħdin jitfarrku. Illum qed issib iżjed koppji li ma jintrabtux bis-sagrament taż-żwieġ. Issib aktar żwiġijiet li qegħdin jitfarrku u l-partners isibu sieħeb jew sieħba oħra. Koppji li qegħdin jantiċipaw id-data taż-żwieġ tagħhom minħabba abbużi minn xulxin li jwasslu għal tqala qabel iż-żwieġ. Issib ukoll koppji li qegħdin jgħixu taħt saqaf wieħed pero' iż-żwieġ tagħhom mhux qed jgħixuh kif għandu jkun.

Il-Madonna li taf xi tfisser familja, bħala omm Ġesù u omm il-bnedmin kollha tgħallimna u tgħinna biex niskopru mill-ġdid lil Kristu binha li bil-miġja tiegħu fostna għolla d-dinjità tal-familja u bil-mewt u l-qawmien tiegħu għolla r-rabta taż-żwieġ għal sagrament. Marija li dejjem ħelsitna mit-tiġrib tal-għadu tagħna, jekk nintelqu f'idejha u nħalluha twassalna għand Ġesù, terġa' trebbaħna fuq dawn l-għedewwa moderni.

Inselli għalikom u nawguralkom ħafna ġid spiritwali.

Il-Paċi tal-Mulej tkun dejjem magħkom.

***Rev. P. Raymond Calleja O.Carm.***
***Kappillan***

# Djarju tal-Parroċċa

Settembru 2017

| | Settembru | |
|---|---|---|
| 1 | Il-Ġimgħa | L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.<br>Adorazzjoni wara l-quddiesa tat-8.30am fil-knisja parrokkjali.<br>Quddiesa u adorazzjoni fl-10.00am fiċ-ċentru pastorali ta' Triq il-Liedna.<br>Adorazzjoni wara l-quddiesa tas-6.30pm fil-knisja parrokkjali. |
| 2 | Is-Sibt | L-Ewwel Sibt tax-Xahar.<br>Rużarju meditat wara l-quddiesa tat-7.45am fiċ-ċentru parrokkjali animat mill-Moviment Madonna ta' Fatima. |
| 3 | Il-Ħadd | It-Tnejn u Għoxrin Ħadd ta' Matul is-Sena.<br>Il-quddiesa tad-9.30am tkun bis-sagrament tal-magħmudija. |
| 6 | L-Erbgħa | Coffee Morning. Tluq fid-8.45am minn ħdejn il-knisja. |
| 8 | Il-Ġimgħa | Festa ta' Marija Bambina.<br>Il-quddies ikun bħal dak ta' nhar ta' xogħol. Għalkemm mhix festa kmandata, tkun ħaġa sabiħa li wieħed jisma' l-quddiesa. |
| 10 | Il-Ħadd | It-Tlieta u Għoxrin Ħadd ta' Matul is-sena. |
| 13 | L-Erbgħa | Tifkira tal-ħames dehra tal-Madonna ġewwa Fatima.<br>Fis-6.00pm ikollna rużarju meditat u quddiesa fis-6.30pm.<br>Wara l-quddiesa ssir ċelebrazzjoni ta' tifkira. |
| 14 | Il-Ħamis | Festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes. |
| 15 | Il-Ġimgħa | Tifkira ta' Marija Addolorata. |
| 17 | Il-Ħadd | L-Erbgħa u Għoxrin Ħadd ta' Matul is-Sena.<br>Il-quddiesa tad-9.30am tkun animata mill-Kummissjoni Tfal tal-parroċċa. |
| 21 | Il-Ħamis | Festa Pubblika.<br>Ħarġa ta' ġurnata bil-quddiesa. Tluq fid-8.45am minn ħdejn il-knisja. |
| 24 | Il-Ħadd | Il-Ħamsa u Għoxrin Ħadd ta' Matul is-Sena. |
| 27 | L-Erbgħa | Ġurnata għal Għawdex. Tluq fis-6.30am minn quddiem il-knisja. |

## Ħinijiet tal-Uffiċċju Parrokkjali matul il-jiem tas-sajf

It-Tnejn u l-Ħamis bejn it-8.30am u l-10.00am
It-Tnejn u l-Erbgħa bejn l-4.30pm u s-6.00pm

Tel: 21802992 Email: carmfgu@onvol.net jew parrocca.fgura@maltadiocese.org




**Michael Cutajar**

*FUNERAL UNDERTAKER*

**E-mail:** michael.cutajar@bell.net.mt

69, St. Helen Str, Cospicua
'RUSTICA' 170, Liedna Str, Fgura

**Tel:** 2182 6277, 21896171
**Mob:** 9949 2001, 7982 6277
9942 3440, 9942 4599




**Nawguraw lil dawn it-tfal li irċevew l-Ewwel Tqarbina f'Ġunju li għadda.**

**Subien**

Attard Jayden Carl, Attard Noah, Attard Ryan, Avena Blandino Luca, Azzopardi Isaac, Azzopardi Saviour Angelo, Barbara Genovese Dean Anthony, Barber Cain, Bonello Zaylon, Borg Ingolotti Braeden, Bugeja Isaac, Bugeja Church Matthias, Buhagiar Joel, Buttigieg Jayden, Camenzuli Daniel, Caruana Jacob, Cassar Randich Daylin, Delceppo Raiden, Diacono Emerson, Falzon Bradley, Fenech Aiden, Fenech Deemer, Garzia Isaac Joseph, Gonzi Abela Luke, Gravina Francesco, Grech Ethan, Guazzo Denzil, Khaseb Ahed, Manicaro Leandro, Mercieca Luca, Mercieca Teyvion, Micallef Hannaford Jylon, Micallef-Spiteri Kayden Ray, Mizzi Zayden, Pulis Dale, Rababah Bartolo Aleksei, Sciberras Brayden, Scicluna Indri, Sgendo Cristiano, Sghendo Axl, Spiteri Steve, Treeby Ward Mark, Vella Francesco, Wait Zean, Wyns Jayden Noah.

**Bniet**

Abdilla Francesca, Abela Elize, Attard Flores Mariah, Abela Ayling Shelby, Abela Zanaya, Agius Spiteri Zanaiah, Attard Scarlett, Attard Yasmine, Attard Ylenia, Bonanno Mikela, Bonello Aisha, Bonello Kyra, Borg Christine, Borg Mariah, Borg Caruana Ella, Buttigieg Kiraya, Camilleri ElenIa, Camilleri Keona, Camilleri Shazaiah, Carbonaro Eve, Caruana Amy, Cassar Laura, Catania Shanice, Ciantar Martina, Ciantar Oksana, Ciocan Bianca Patricia, Cremona Tyiis, Cutajar Farrugia Cauchi Faith, Darmanin Kaidy, Debono Brenda, Degabriele Maria, Delceppo Shelly, Ellul Elisa, Ellul Shanica, Farrugia Chanelle, Farrugia Chazelle, Fenech Charlize, Fenech Thea, Formosa Enya, Galea Kaydee, Gauci Ria, Gheiti Chanel, Gheiti Neve, Grech Martina, Grech Thais, Kawka Manuela, Lanzon Amy, Lucas Martina, Mallia Maya, Manicaro Miriana, Messaudi Bezzina Leah, Micallef Previ Hailie Jade, Mifsud Giulia Marie, Muscat Laya, Musu Elise, Peplow Amaya, Piccione Martina, Psaila Chanelle, Scerri Charlize, Seychell Dachen, Tawerghi Mariah, Xuereb Lucia Elena, Zammit Hailey.

## **MILL-ĦAJJA** tal-Parroċċa

*Daħlu fil-Knisja permezz tal-Magħmudija*

Ben Agius, Maria Cranmer, Isabelle Cranmer, Tias Dalli, Ella Gauci, Yelaiah Micallef, Yan Psaila, Mathias Schembri.

*Ingħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ*

Alan Barun ma' Dorianne Calleja

*Għaddew għall-Ħajja Eterna*

Frank Spiteri (88), Oreste Spiteri (85), Helen Agius (71), Carmen Cassar (81), Maria Micallef (68).



# Qari, jew Xandir tal-Kelma t'Alla?



L-ewwel taqsima taċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa hija msejħa "Il-Liturġija tal-Kelma". Il-Knisja tagħti lil din il-parti tal-quddiesa l-istess importanza li hija tagħti lil-Liturġija tal-Ewkaristija fl-istess ċelebrazzjoni. Forsi mhux kulħadd jifhem eżatt xi jkun qiegħed iseħħ fuq l-ambone waqt li l-lettur ikun qed jaqra minn fuq il-lezzjonarju approvat mill-Knisja. Għalkemm huwa minnu li wieħed ikun qed jisma' jinqraw siltiet meħuda mill-Kotba Mqaddsa, dak il-ħin il-lettur ma jkunx qieghed sempliċement "jaqra", iżda aktar minn hekk ikun qiegħed "jipproklama", jew "ixandar", il-Kelma t'Alla ispirata mill-Ispirtu s-Santu, għalkemm miktuba b'idejn il-bnedmin. Għaldaqstant wieħed irid jagħmel distinzjoni bejn meta xi ħadd jaqra l-kelma t'Alla minn fuq l-ambone u meta dan ix-xi ħadd jaqra l-istess silta fil-privat, forsi anke fil-kumdita' ta' daru.

Għal din ir-raġuni wieħed jifhem għaliex mhux kulhadd huwa adatt sabiex jaqdi dan il-ministeru tant importanti waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa. Biex tipproklama jew ixxandar irid ikollok dispożizzjoni differenti milli biex taqra. Forsi għalhekk ukoll li xi wħud ma jaslu qatt biex jilħqu dak il-livell mistenni minnhom fit-twettiq tal-impenn tagħhom f'dan ir-rigward. U għalhekk ukoll illi l-Kummissjoni Liturġika fi ħdan il-Kunsill Pastorali Parrokkjali kontinwament tagħmel ħilitha kollha sabiex tidentifika persuni adatti għal dan il-ministeru. Minkejja dan xorta waħda għadek issib individwi li ma jilħqux il-livell mistenni minnhom. Ir-raġunijiet għal dan jistgħu jkunu varji. Li huwa żgur, pero', huwa li dawn il-persuni ma jħejjux ruħhom biżżejjed billi jipprattikaw minn qabel il-qari tas-silta li jkunu se jaqraw. Dan l-eżerċizzju huwa meħtieg saħansitra minn dawk li ilhom żmien twil f'dan il-qasam.

Pero' mbagħad jista' jagħti l-każ li jiġi żmien meta anke dawn tal-aħħar forsi ma jibqgħux f'qagħda li jkunu jistgħu jeżerċitaw din il-funzjoni bl-istess ħeġġa, impenn u livell aċċettabbli bħal qabel. Nammettu li mhux faċli għall-mexxejja tal-kummissjoni liturġika li javviċinaw lil xi ħadd u jikkonvinċuh jaċċetta din ir-realta', u għalhekk f'għieħ ir-rispett lejn l-istess Kelma t'Alla u l-membri miġbura għaċ-ċelebrazzjoni dawn it-talin għandu jkollhom il-kuraġġ u l-umilta' li joffru minn jeddhom li jieqfu milli jagħtu dan is-servizz ħalli jkun jista' jingħata lil ħaddieħor. Wara kollox ħadd ma jinħatar lettur għal għomru.

Il-ministeru tal-lettur huwa wieħed importanti u ta' responsabbilta' kbira. U għalhekk il-kummissjoni liturġika minn żmien għal żmien tagħmel mhux biss talba għal letturi ġodda, iżda wkoll tniedi korsijiet ta' preparazzjoni, kemm spiritwali kif ukoll teoretika u prattika. Ċerta terminoloġija u ismijiet ta' personaġġi u postijiet li jissemmew fil-Kotba Mqaddsa mhux lakemm tippronunzjahom tajjeb jekk ma jkollokx tħejjija u dispożizzjoni minn qabel. Il-formazzjoni li l-letturi jingħataw tinkludi fost l-oħrajn formazzjoni biblika u formazzjoni liturġika. Jekk il-lettur isegwi dan kollu jkun qiegħed jakkwista l-faċilita' li jkun katekista ta' ħutu l-Insara. Għalhekk huwa mportanti li mim jeżerċita dan il-ministeru jattendi għal dawn il-korsijiet ta' formazzjoni kif ukoll isegwi l-istruzzjonijiet mogħtija f'dawn il-laqgħat ta' formazzjoni.

*Louis Caruana*
*Moderatur - Kunsill Pastorali Parrokkjali*